# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2025**

**Numru: 10**

**Rikors numru 40/2021/1MH**

**Ganni Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tar-rikorrent minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2023 li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u sabet illi r-rikorrent naqas milli juża rimedji ordinarji effettivi li tagħtih il-liġi, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż.

**<u>Preliminari</u>**

2. Jirriżulta li:

i. Fit-2 ta’ Novembru 2012 saret spezzjoni f’razzett fil-limiti ta’ San Dimitri, Għawdex wara rapport li kien hemm attività illegali li tinvolvi annimali. Waqt l-ispezzjoni rriżulta li r-razzett kellu l-permessi meħtieġa.

ii. Imbagħad f’għelieqi fl-istess żona ta’ San Dimitri, l-uffiċjali raw nagħaġ li ma kellhomx it-takka tal-identifikazzjoni uffiċjali, li suppost kienet mal-widna.

iii. Uffiċjal mid-Dipartiment tas-Servizz Veterinarju kkuntattja uffiċjal ieħor sabiex jivverifika dan il-fatt min-National Livestock Database minn fejn irriżulta li ma kien hemm l-ebda permess li jkopru l-attività.

iv. Wara verifiki u konferma li r-razzett u l-annimali tar-rikorrenti kienu qegħdin jinżammu illegalment, ittieħdet id-deċiżjoni li jiġu distrutti.

v. Ir-rikorrent ġie akkużat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li ittrasferixxa/ċaqlaq/żamm illegalment numru ta’ annimali bi ksur tal-Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Att dwar is-Servizz Veterinarju u tal-L.S. 437.78.

vi. B’sentenza tas-6 ta’ Lulju 2017 il-Qorti sabet lir-rikorrenti ħati tal-imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta’ €5,000. Ir-rikorrenti u l-Avukat Ġenerali appellaw mis-sentenza liema appell kien miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2018.

3. Fis-26 ta’ Jannar 20212, ir-rikorrent fetaħ il-kawża u ilmenta illi l-imsemmi sejbien ta’ ħtija huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni”] għaliex ir-regolamenti li ġie misjub ħati li kiser, ossija r-*Regoli dwar l-identifikazzjoni u Reġistrazzjoni ta’ Majjali* (L.S. 437.78), huma għal kollox estranji għalih għaliex hawn *si tratta* ta’ nagħaġ u kif ukoll għaliex dak l-avviż legali kien għadu ma daħalx fis-seħħ fil-mument li ħarġet l-akkuża kontrih fit-8 ta’ April 2014. Talab għalhekk lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *“1. Tiddikjara illi s-sejbien ta' htija ta' Ganni Attard permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2017 hekk kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2018 tivvjola d-dritt tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi huwa gie misjub hati ai termini ta' Regolament li ma setax ikun applikabbli ghall-kaz in kwistjoni;*
>
> *2. Tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura tas-6 ta' Lulju, 2017 hekk kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2018 tivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi tali decizijoni ma hijiex msejsa fuq id-dispozizzjoni espressa tal-Ligi ap-plikabbli ghall-kaz in ezami;*
>
> *3. Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom dawk li tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2017 hekk kif konfer-mata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2018 ma kenitx ibbazati skond il-ligi u dan stante li hija bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrent Ganni Attard;*
>
> *4. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*Bl-ispejjez."*

4. Permezz ta' <u>risposta</u> ppreżentata fis-27 ta' April 2021[1], l-intimat Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb:

> *"1. Illi in linea preliminari jinghad li r-rikorrenti naqas milli juza rimedju ordinarju effettiv li taghtih il-ligi u cioe' li jappella minn dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Gudikatura Kriminali li hassu aggravat minnha. Galadarba l-ilment tar-rikorrent huwa li gie misjub hati erronjament ta' imputazzjoni li mhijiex applikabbli ghal-kaz tieghu u galadarba rikorrenti ma appellax minn dik il-parti tas-sentenza jirrizulta car li r-rikorrenti ma uzax rimedju ordinarju effettiv li taghtih il-ligi u cioe' li jqajjem aggravju f'dak is-sens fl-appell li qanqal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa inutli li issa r-rikkorrenti jigi bl-argument li l-Qorti kienet zbaljata fid-decizjoni taghha meta dan l-izball kellu jigi mqajjem u deciz semmai quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Konferma ta' dan kollu gej mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2018 meta l-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni:*
>
> > *Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant qatt seta kien misjub hati ukoll ta' ksur ta' dan ir-regolament* ***<u>izda huwa ma qanqal ebda appell in rigward;</u>***
> >
> > *Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante non-ezawriment mezzi ordinarji rimedju."*

5. B' <u>sentenza</u> mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"Permess is-suespost il-Qorti ssib illi għar-ragunijiet premessi tilqa l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u ssib illi r-rikorrenti naqas milli juża rimedji ordinarji effettivi li tagħtih il-liġi u jinterponi appell ġust lil Qorti tal-Appell bl-aggravji sew li kienu jolqtu lilu;*
>
> *Konsegwentement qegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bi spejjeż ta' din l-istanza għalih."*

[1] Fol. 14

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

*“Fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti Attard ġie misjub ħati kif ġej;*

> *“Għaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat John Atttard ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli indikati, tikkundannah multa ta’ ħames t’elef ewro (€5000) li trid titħallas fi żmien tliet(3) snin mil-lum”*

*Minn naħa tagħha l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kkonkludit billi ċaħdet kemm l-appell tar-rikorrenti Attard inter alia fuq valutazzjoni ta’ fatti, ukoll ta’ l-Avukat Ġenerali fuq in-nuqqas tal-konfiska tan-nagħaġ involuti.*

*Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali obiter qalet dan :-*

> *“3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi apparti li l-appellant kien imputat bi ksur tal-artikolu 35 tal-Kapitolu 437, kien imputat u misjub hati bi ksur tar-regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78 (Avviz Legali 346 tal-2015). Dan l-Avviż Legali jirreferi ghar-Regoli Dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta’ Majjali meta hawn si tratta ta’ naghag. Ezaminati r-regolamenti maghmulha taht il-Kapitolu 437, ma jezisti ebda wiehed rigward l-identifikazzjoni, registrazzjoni jew zamma ta’ naghag ghajr dak numru 437.13 – Regolamenti dwar Naghag u Moghoz ghat-tghammir tar-Razza Pura li ma jipotizzax ir-reat in dizamina. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant qatt seta kien misjub hati ukoll ta’ ksur ta’ dan irregolament **izda huwa ma qanqal ebda appell in rigward;”** <u>**(Enfasi ta’ din il-Qorti)**</u>*

***Kien dan il-kumment tal-Qorti tal-Appell li xxpruna dan l-ilment in deżamina.***

*Ikkunsidrat*

*Li marbut ma dan u l-mod kif ġie interpost l-appell tar-rikorrenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimati li titratta n-nuqqas ta’ użu da parti tar-rikorrenti ta’ rimedji ordinarji. L-intimati jressqu d-difiza illi kien jispetta lir-rikorrenti li jagħmel użu tajjeb mid-dritt ta’ l-appell li tagħtih il-liġi biex b’hekk jinterponi d-debitu appell ġust, appropju u floku kontra s-sejbien ta’ ħtija fuq artikoli tal-liġi li ma kienux relatati ma’ l-akkużi miġjuba kontrih.*

*Ħarsa lejn l-Appell interpost mir-rikorrenti wieħed isib illi huwa fil-fatt ressaq l-aggravji segwenti;*
*-Nuqqas tal-prosekuzzjoni ta’ prova ta’ l-eżistenza ta’ animali sostnut bl-argument “quod non est in acta non est in mundo’*
*-konoxxenza tad-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja ta’ l-eżistenza tal-animali de quo.*

*-nuqqas ta' prova ta' trasferiement u ċaqliq tal-animali skont l-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437.*

***Kif korrettament issenjalaw l-intimati l-appell interpost mir-rikorrenti ma jittratta qatt dak li ġie sollevat mill-Qorti kif indikat.***

*Il-Qorti tirreferi għal ġurisprudenza fir-rigward.*

*...*

*Tikkunsidra ulterjorment.*

*Huwa ċar li jekk ir-rikorrenti kellu xi lment fuq l-applikazzjoni tal-liġi fir-rigward tal-imputazzjoni u s-sussegwenti sejbien ta'ħtija dan seta jagħmlu tramite appell apositu. L-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula b'mod ċar kif għand jiġi interpost appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif fil-kaz in deżamina. Jgħid ċar li dan irid juri l-fatti fil-qosor, r-ragunijiet tal-appell ukoll t-talba għat-tħasir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri. Dan hu r-rimedju* ***floku*** *li kellu Ġianni Attard biex jattakka s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.*

*Il-fatt li hu interpona appell però fl-aggravji għażel li ma jindirizzax il-kwistjoni tal-liġi sussidjarja li donnu tagħha nstabet ħtija ukoll,* ***għax per parentesi ma ġewx imniżżla l-artikoli relatati mal-ħtija****, ma jagħtix lok li issa jaderixxi lil Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali bil-lanjanza taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Kif sew ingħad fil-ġurisprudenza ċitata r-rikorrenti fil-fatt għamel użu ħażin mir-rimedju ordinarju li kien aċċessibbli għalih u għal kollox effikaċi kieku utilizzat b'mod sew.*

*Ma jistax jippretendi issa li jiġi quddiem din il-Qorti f'din il-ġurisdizzjoni ta' natura tant delikata u straordinarja u jattakka l-operat ta' Qorti oħra bl-allegazzjoni tal-ksur lamentat u juża lil din il-Qorti bħala waħda revisorja u tat-tielet grad mhux meta l-ilment hu dak li hu.*

*Għal fini ta' kompletezza, il-Qorti tħoss li għandha tgħaddi ukoll s-segwenti kumment: wara li rat l-artikoli 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437 tqies lil piena li setgħet tiġi erogata bl-applikazzjoni tiegħu hi dik ta' piena karċerarja sitt xhur jew multa ta mhux iżjed minn €23,293.73 jew t-tnejn f'daqqa, għalhekk a prexindere mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 meta jkun hemm konkors tar-reati, l-piena errogata u kif kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, applikat biss il-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta ċioe' dik ta multa hija sew fil-limiti permessi għar-reat hemm maħsub."*

7. B'rikors ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2023 il-konvenut appella mis-sentenza u talab lil din il-Qorti:

*"sabiex tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-15 ta' Diċembru 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-esponenti u minflok tilqa' l-istess talbiet ta' Gianni Attard bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

8. L-intimati wieġbu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li, għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**L-Aggravju**

9. Sostanzjalment, ir-rikorrent ifisser l-ilment tiegħu hekk:

*"fl-ewwel lok huwa totalment żbaljat il-kumment u l-osservazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti meta rat l-Artikolu 35(1)(ċ) tal-Kap. 437 tal-Liġijiet ta' Malta u fi kliem dik il-Qorti qieset "li l-piena li setgħet tiġi erogata bl-applikazzjoni tiegħu hi dik ta' piena karċerarja sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn €23,293.73 jew it-tnejn f'daqqa;*

*Illi minn qari tal-istess artikolu tal-Liġi li ssir referenza għaliha hawn fuq, mhux minnu li l-istess Liġi tistabilixxi dik il-piena iżda fil-fatt is-subinċiż (2) tal-Artikolu 35 tal-Kap. 437 jindika b' mod mill-aktar ċar li 'Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu ...."*

*Illi għalhekk isegwi li tali dispożizzjoni legali kkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt ma tistabilixxi l-ebda piena hekk jif jidher li qed tipprova tagħti x' tifhem dik il-Qorti, iżda hija fakoltattiva fuq il-Ministru li jistabilixxi pieni li għandhom ikunu f' dak il-parametri hemm indikati;*

*Illi fil-fatt, ma jirriżultax mill-Artikoli indikati fl-atti tal-każ kollu odjern u ċioe il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti tal-Appell, u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li kien hemm xi indikazzjoni tal-Liġi li tista' tkun applikabbli għall-każ odjern;*

*...*

*Illi l-esponenti Gianni Attard jinsisti li huwa ppreżenta l-appell kif suppost, indikat b' mod ċar li kien qed jappella mis-sentenza u li l-istess Gianni Attard ma setax jinsab ħati. Zewġt imħallfin minn Qrati differenti ndunaw bl-iżball li sar mill-Maġistrat fuq il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, anke meta hemm nuqqas ta' indikazzjoni*

*tal-Artikolu rilevanti. Kienet il-Qorti tal-Appell ukoll fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2018 li osservat li qatt ma seta' jinstab ħati għaliex l-Artiklu kien jirrigwarda l-majjali u mhux nagħaġ. B' hekk Gianni Attard iħoss li nkisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu u l-uniku rimedju li kien fadallu kien fil-Qorti Kostituzzjonali u kien għalhekk li rrikorra għal dawn il-proċeduri.*

*Illi jiżdied jingħad ukoll li ma jistax jingħad li l-ilment tal-esponenti m'għandux jiġi kkunsidrat il-għaliex kellu rimedji ordinarji li ma għamilx użu minnhom. Dan assolutament ma hux il-każ. Fil-fatt, l-esponenti interpona appell mill-imsemmija sentenza. Kien minħabba nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Lulju 2017 li l-esponenti ma għamel l-ebda indikazzjoni minħabba l-fatt li l-Liġi u ċioe l-Leġislazzjoni Sussidjarja tirreferi għal majjali u mhxu nagħaġ..."*

10. L-Avukat tal-Istat min-naħa l-oħra wieġeb illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-appellant naqas milli jeżawrixxi rimedju ordinarju effettiv li tagħtih il-liġi u ċjoè li jappella minn dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Jinisti li l-appellant kellu kull opportunità sabiex iressaq aggravju dwar dak li huwa issa jilmenta minnu fil-kawża odjerna, iżda naqas li jagħmel dan. B'żieda ma' dan, jgħid li ma huwiex il-każ li l-appellant instab ħati ta' reat li ma kellux jinstab ħati tiegħu u lanqas li ma ġewx indikati l-artikoli relatati mal-ħtija.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

11. Fattwalment jirriżulta illi:

11.1. Fit-8 ta' April 2014 ir-rikorrent ġie akkużat talli fit-02.11.2012 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-limiti ta' San Dimitri,

Għarb, Għawdex ittrasferixxa / ċaqlaq u żamm illegalment numru ta' annimali bi ksur:

> *"tal-Artiklu 35(1)(c)(iii) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarju, l-Liġi Sussidjarja 437.78 li tispeċifika l-Identifikazzjoni u Reġistrar ta' annimali u r-Regolament tal-Unjoni Ewropea 21/2004 li jistabbilixxi s-sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikar ta' nagħaġ u mogħoż"*[2];

11.2. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u kkundannatu għal multa ta' €5,000[3];

11.3. B'rikors tal-appell ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2017 l-imputat Attard talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tħassar is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2017 u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu[4]. L-aggravji fl-appell kienu:

i. Li l-prosekuzzjoni ma mxietx mal-proċedura għaliex ma ressqitx prova tal-eżistenza tal-annimali in kwistjoni;

ii. Li t-Tabib Veterinarju Dr Frank Galea kien jaf bl-eżistenza tan-nagħaġ in kwistjoni;

---

[2] Fol. 25
[3] Fol. 26 *et seq*
[4] Fol. 28

iii. Li ladarba huwa imputat bi ksur tal-Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Kapitolu 437, ma seta' qatt jinstab ħati għaliex l-annimali ma ġewx esebiti formalment u għaliex ma tressqitx prova li kien hemm xi ċaqlieq jew trasferiment tagħhom.

11.4. B'rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2017, l-Avukat Ġenerali wkoll appella mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2017 u talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tirriforma dik is-sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u erogat piena ta' €5,000, tiżdied il-konsegwenza tal-konfiska tal-merħla kollha tal-imputat miżmuma taħt l-għassa fir-razzett tiegħu[5];

11.5. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet iż-żewġ appelli[6]. Il-konsiderazzjonijiet tagħha kienu *inter alia* s-segwenti:

> *"3. ... din il-Qorti tosserva illi apparti li l-appellant kien imputat bi ksur tal-artikolu 35 tal-Kapitolu 437, kien imputat u misjub hati bi ksur tar-regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78 (Avviz Legali 346 tal-2015). Dan l-Avviż Legali jirreferi ghar-Regoli Dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Majjali meta hawn si tratta ta' naghag. Ezaminati r-regolamenti maghmulha taht il-Kapitolu 437, ma jezisti ebda wiehed rigward l-identifikazzjoni, registrazzjoni jew zamma ta' naghag ghajr dak numru 437.13 – Regolamenti*

[5] Fol. 28
[6] Fol. 28

*dwar Naghag u Moghoz ghat-tghammir tar-Razza Pura li ma jipotizzax ir-reat in dizamina. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant qatt seta kien misjub hati ukoll ta' ksur ta' dan irregolament izda huwa ma qanqal ebda appell in rigward".*

12. Tliet snin wara, fis-26 ta' Jannar 2021, ir-rikorrent ippreżenta din il-kawża fejn jilmenta li s-sejbien ta' ħtija skont is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2017, kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2018, jilledu d-drittijiet fundamentali protetti taħt:

<u>L-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni</u>:

*"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."*

<u>Artikolu 7 tal-Konvenzjoni</u>:

*"(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

13. Dan skontu għaliex:

13.1. huwa nstab ħati taht ordinament legali li huwa għal kollox estranju għalih billi l-Legislazzjoni Sussidjarja 437.78 titkellem

dwar *'Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Majjali'* u liema annimali ma jiffurmawx il-mertu tal-każ tiegħu (l-ewwel ilment); u għaliex

13.2. fil-mument tal-ħruġ tal-akkuza fil-konfront tiegħu, u ċjoè fit-8 ta' April, 2014, il-Legislazzjoni Sussidjarja 437.78 kienet lanqas biss għadha fis-seħħ u dan *stante* li l-Avviz Legali Nru. 346 tal-2015 ġie promulgat fit-23 ta' Ottubru, 2015 u għalhekk bil-bosta wara l-ħruġ tal-akkuzi fil-konfront tiegħu (it-tieni ilment).

14. Fir-rikors tal-appell li ppreżenta fil-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent ma ressaq ebda ilment fis-sens illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2017 saret applikazzjoni ħażina tal-L.S. 437.78. Dan wassal biex, tajjeb jew ħażin, dak deċiż mill-Qorti tal-ewwel grad fir-rigward ġie kkonfermat mill-Qorti tat-tieni istanza u għadda in ġudikat.

15. Dak li hemm bżonn tiddeċiedi dwaru din il-Qorti hu jekk l-ilment dwar il-ksur tad-dritt fundamentali setax ġie ndirizzat bil-mezzi '*ordinarji'*.

16. Kwantu għall-kwistjoni tar-rimedji '*ordinarji'* spettanti lir-rikorrent, m'hemmx dubju li, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent seta' faċilment ressaq iż-żewġ ilmenti li jiffurmaw il-bażi tal-kawża tal-lum. Rimedju li bih seta' indirizza b'mod effettiv kemm dik il-parti tal-ilment fejn

ir-rikorrent isostni li huwa nstab ħati taħt ordinament legali li huwa għal kollox estranju għalih u kif ukoll dik il-parti tal-ilment fejn ir-rikorrent jallega li meta fit-8 ta' April 2014 ħarġet l-akkuża, il-Legislazzjoni Sussidjarja 437.78 kienet għadha mhijiex fis-seħħ. Madankollu, ir-rikorrent ma tax aggravji f'dak is-sens fl-appell li ppreżenta fil-Qorti tal-Appell Kriminali.

17. Quddiem l-Ewwel Qorti m'allegax li dak in-nuqqas kien minħabba xi impediment legali. Allegazzjoni li saret l-ewwel darba fir-rikors tal-appell fejn l-appellant qiegħed jittenta jaqbad mal-iskuża li ma kienx possibbli għalih li jressaq l-ilmenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex *"il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali naqset milli tindika l-artikoli relatati mal-ħtija."* Argument li m'għandux bażi ladarba l-Qorti tal-Maġsitrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati tal-akkużi li kienu jinkludu referenza għal-liġi rilevanti.

18. Madankollu, il-materja dwar l-eżawriment ta' rimedju ordinarju hi diskrezzjoni tal-qorti. Diskrezzjoni li hi wiesgħa. Tant hu hekk li l-Art. 4(2) tal-Kap. 319 u l-Art 4(2) tal-Kostituzzjoni jagħmluha ċara li l-qorti "tista'" tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *"... jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel ....... f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra"*. F'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed isostni li hu nstab ħati ta' reat kriminali meta l-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.78 ma kinitx teżisti

fiż-żmien rilevanti. Hu veru li r-rikorrent seta' jagħti aggravju f'dak is-sens. Min-naħa l-oħra hu veru wkoll li l-materja jista' jkollha riperkussjonijiet serji ħafna, għaliex tkun ingħatat piena għal reat li ma kienx jeżisti. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti il-kwistjoni kien jixraq li tiġi mistħarrġa meta tqis li hu prinċipju wkoll kardinali fil-liġi kriminali, li ħadd m'għandu jinstab ħati ta' reat kriminali meta fiż-żmien tal-att jew ommissjoni, ir-reat ma kienx jeżisti. Dan irrispettivament jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tistax *ex officio* tqajjem eċċezzjoni f'dak is-sens.

19. Ir-rikorrent instab ħati li ttrasferixxa / ċaqlaq u żamm illegalment numru ta' annimali bi ksur tal-Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarju, tal-Liġi Sussidjarja 437.78 li tispeċifika l-Identifikazzjoni u Reġistrar ta' annimali u tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 21/2004 li jistabbilixxi s-sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikar ta' nagħaġ u mogħoż.

20. Kwantu għal-Liġi Sussidjarja 437.78, li hija l-meritu tal-lanjanza tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri, minn verifiki li għamlet din il-Qorti jirriżulta illi:

> 20.1. Preżentement, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.78 huma r-'*Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Majjali*' li saru bis-saħħa tal-Att 346 tal-2015;

20.2. L-imsemmi Att 346 tal-2015 daħal fis-seħħ fit-23 ta' Ottubru, 2015 (data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern) u fl-Artikolu 12 tiegħu ipprovda illi:

> *"12. Ir-Regoli tal-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali huma b'dan revokati, **mingħajr ħsara għal kull ħaġa li tkun saret jew naqset milli tkun isir taħthom**."* (enfasi tal-Qorti)

20.3. Fil-ġenb tal-imsemmija emenda jingħad hekk:

> *"Revoka tar-Regoli tal-2005 dwar l-identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali. A.L 292 tal-2005"*

20.4. Effettivament, ir-Regoli tal-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali li daħlu fis-seħħ bis-saħħa tal-A.L. 292 tal-2005 kienu, bejn is-16 ta' Awwissu 2005 u t-22 ta' Ottubru 2015, *inter alia* jipprovdu illi:

> *"1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali.*
>
> *(2) Dawn ir-regoli jġibu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 92/102/KE tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tas-27 ta'Novembru, 1992 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali u dan skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.*
>
> *(3) Dawn ir-regoli jipprovdu ħtiġijiet minimi għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali, mingħajr ħsara għal disposizzjonijiet iżjed dettaljati li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Komunità Ewropea għall-iżradikar ta' mard jew għall-għanijiet ta' kontroll u għandhom japplikaw mingħajr ħsara għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 89/153/KE u għar-regoli ta' implimentazzjoni stipulati skond id-Direttiva 91/496/KE tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u wara li jitqies l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (KE) Nru 3508/92 tas-27 ta' Novembru, 1992 li jistabilixxi amministrazzjoni u sistema ta' kontroll integrati għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità.*

> *2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ; xort'oħra –*
>
> *"annimal" tfisser kull annimal ta' l-ispeçi bovini, ovini u kaprini u majjal" (enfasi tal-Qorti)*

21. *Inoltre*, irriżulta lill-Qorti li dik il-Leġislazzjoni Sussidjarja kellha wkoll in-numru 437.78. Meta tħassret, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 346 tal-2015 ingħatat in-numru 437.78.

22. Isegwi minn dan li dak allegat mir-rikorrent, u li fuqu ġiet ibbażata l-lanjanza odjerna, huwa fattwalment inkorrett billi meta seħħ ir-reat in kwistjoni (ossija fit-2 ta' Novembru 2012 u fix-xhur ta' qabel) il-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.78 kienet tikkonsisti proprju f'regolamenti għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' annimali *inter alia* tal-ispeċi ovini, liema regolamenti kienu għadhom fis-seħħ meta nħarġet it-taħrika (8 ta' April 2014) u baqgħu fis-seħħ akar minn sena wara bla preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħthom.

23. Għalhekk, bla ħsara għall-fatt li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju biex jikkontesta dak hawn allegat, ukoll fil-meritu m'għandux raġun.

24. Finalment issir referenza għal dik il-parti tal-appell fejn ir-rikorrent jilmenta mill-aħħar parti tas-sentenza appellata, fejn l-Ewwel Qorti żiedet tgħid li "*Għal fini ta' kompletezza, il-Qorti tħoss li għandha tgħaddi ukoll s-segwenti kumment: wara li rat l-artikoli 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437 tqies li*

*l-piena li setgħet tiġi erogata bl-applikazzjoni tiegħu hi dik ta' piena karċerarja sitt xhur jew multa ta mhux iżjed minn €23,293.73 jew it-tnejn f'daqqa, għalhekk a prexindere mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 meta jkun hemm konkors tar-reati, l-piena errogata u kif kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, applikat biss il-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta ċioe' dik ta' multa hija sew fil-limiti permessi għar-reat hemm maħsub".* Jilmenta li mhux minnu li l-istess Liġi tistabbilixxi tali piena u li dak l-artikolu jipprovdi biss li *'Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu"* għal piena konsistenti f'multa sa mhux aktar minn dak l-ammont jew priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur.

25. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-ilment fir-rikors promotur mhuwiex bażat fuq l-Art. 35 tal-Kap. 437. Hu minnu li dik id-dispożizzjoni ma tipprovdix għall-piena li tiġi imposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fil-fatt l-Art. 35(2) jipprovdi li l-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu li persuna li tikser dik id-dispożizzjoni tista', meta tinstab ħatja, teħel piena konsistenti f'multa sa mhux aktar minn €23,293.73 jew priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur.

26. Madanakollu, l-Artikolu 57 tal-Kap. 437 kif *in vigore* meta seħħ ir-reat u kif ukoll meta ħarġet it-taħrika (u ma nbidilx sakemm ingħatat is-sentenza appellata) kien jipprovdi illi:

> *"57.(1) Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena speċifika ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati,*

> *multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*
>
> *(2) Meta xi ħadd jinsab ħati ta' xi reat kontra dan l-Att, il-Qorti tista', b'żjieda ma' xi piena oħra li tista' timponi, tordna li dawk l-istrumenti, tagħmir, prodotti jew sustanzi użati fit-twettiq tar-reat għandhom jiġi konfiskati favur il-Gvern u, jekk jiġu hekk konfiskati, dawn għandu jsir minnhom b'dak il-mod hekk kif il-Qorti tista' tiddetermina fuq il-parir tad-Direttur."*

27. Għalhekk il-piena li imponiet il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet taqa' fil-parametri tal-liġi.

28. Bla ħsara għal dan, ir-rimarka li għamlet l-Ewwel Qorti fl-aħħar paragrafu tas-sentenza appellata kienet biss waħda *obiter.*

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
ss